*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
**Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum**
Osservatorju tas-Suq Uniku



# IL-METODU TA' FUNZJONAMENT TAD-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI FIS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

## RAPPORT

INT/SMO - EESC-2014-02466-00-01-TCD-TRA

MT

# WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| | KELMTEJN TA' QABEL | 3 |
| 1. | **RIŻULTATI EWLENIN** | 4 |
| 2. | **RIŻULTATI U RAKKOMANDAZZJONIJIET** | 4 |
| | APPENDIĊI | 18 |
| | GĦANIJIET U METODOLOĠIJA | 18 |
| | ID-DIRETTIVI FIL-QOSOR | 18 |
| | ID-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI | 19 |
| | ID-DIRETTIVA DWAR L-ISTAZZJONAR TAL-ĦADDIEMA | 19 |
| | ID-DIRETTIVA DWAR L-INFURZAR | 19 |
| | IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW DWAR ID-DIRETTIVI | 21 |

# KELMTEJN TA' QABEL

Id-**Direttiva dwar is-servizzi** (2006/123/KE tat-12 ta' Diċembru 2006) dwar il-liberalizzazzjoni tas-servizzi fis-suq intern kellha influwenza vasta fuq ħafna aspetti tal-mobilità transkonfinali. Probabbilment din hija waħda mill-aktar mossi kontroversjali fl-istorja reċenti tal-UE, peress li qajmet dibattitu emozzjonali ħafna fost il-pubbliku ġenerali u l-imsieħba soċjali. Id-**Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema** (1996/71/KE), li ġiet adottata qabel l-adeżjoni tal-pajjiżi mill-Ewropa tal-Lvant u dik Ċentrali, hija marbuta b'mod intrinsiku mal-forniment tas-servizzi. Dan japplika iktar fis-settur tal-kostruzzjoni. Fl-isfond tal-kriżijiet, minn naħa, iż-żewġ Direttivi qajmu l-beżgħat u stigmatizzaw il-mobilità mill-Istati Membri "li jesportaw il-forza tax-xogħol" ("*Qed joħdulna xogħolna!*"). Min-naħa l-oħra, iċ-ċikli ġodda ta' tkabbir ġabu d-diversità, sfidi ġodda u opportunitajiet fi ħdan is-suq uniku. Id-dimensjoni soċjali tas-suq uniku - il-mudell soċjali Ewropew - madankollu għandha tibqa' l-pedament tal-identità tal-Unjoni Ewropea.

Fl-Opinjoni tiegħu dwar *Lejn politika tas-suq intern umana u orjentata lejn iċ-ċittadin*[1], il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iddikjara li *"[F]Is-settur tas-servizzi b'mod ġenerali ... proprju hawn tinsab l-ikbar diffikultà biex jitlesta s-suq intern, iżda proprju hawn ukoll jeħtieġ l-aktar li ssir innovazzjoni, mhux biss fir-rigward tal-miżuri iżda wkoll l-istrumenti li għandhom jiġu applikati."*

L-*Osservatorju tas-Suq Uniku* (SMO) twaqqaf fi ħdan il-KESE fl-1994 bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea. Ir-rwol tiegħu huwa li janalizza kif jiffunzjona s-suq uniku, jidentifika l-problemi u l-ostakli u jipproponi soluzzjonijiet mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili bil-għan, f'dan il-każ partikolari, li jinħarġu konklużjonijiet qabel l-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2014.




[1] Opinjoni CESE 466/2012 (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 17).

# 1. RIŻULTATI EWLENIN

L-UE għandha gradwalment tersaq lejn rikonoxximent reċiproku fuq bażi ta' suq b'suq. Is-soċjetà in ġenerali u s-settur tal-kostruzzjoni b'mod partikolari jibbenefikaw minn strateġija koerenti mifruxa mal-UE sabiex jiġu miġġielda n-netwerks internazzjonali ta' frodi. Sar urġenti li jsir qbil fuq definizzjonijiet komuni fil-livell Ewropew - din hija sfida ġenwina, speċjalment bil-għan li jiġu solvuti problemi li ilhom jeżistu. Hemm bżonn li jittieħdu numru ta' passi biex jinkiseb dan l-għan: għandhom jiġu adottati standards minimi Ewropej għas-servizzi ta' spezzjoni, kompendju Ewropew ta' kunċetti fiskali u soċjali u numru Ewropew ta' sigurtà soċjali. L-isfidi ma jistgħux jiġu indirizzat tajjeb mingħajr is-saħħa istituzzjonali, is-sjieda u l-implimentazzjoni korretta, kif ukoll leġislazzjoni soċjali omoġenja.

Fir-rigward tas-settur tal-kostruzzjoni, nistgħu nenfasizzaw l-10 riżultati li ġejjin ibbażati fuq il-kontributi mressqa mill-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili:

| | |
|---|---|
| 1 | Il-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni għandu japplika fil-livelli kollha[2]; |
| 2 | Il-kompetizzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kwalità u fuq kundizzjonijiet ugwali u mhux fuq id-"dumping soċjali"; |
| 3 | Ir-regoli tas-suq uniku għandhom jiġu trasposti b'mod korrett u implimentati fil-livelli kollha[3]; |
| 4 | Hemm bżonn ta' kunċetti u definizzjonijiet komuni biex jinkisbu approċċ u koerenza verament komuni; |
| 5 | Hija importanti kooperazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali; |
| 6 | Il-preservazzjoni tal-mudell soċjali Ewropew hija importanti jekk irridu appoġġ u aċċettazzjoni pubbliċi; |
| 7 | Is-sistema tal-kard tidher li tiftaħ għażliet prattiċi u prattikabbli għal monitoraġġ aħjar; |
| 8 | Hemm bżonn ta' saħħa istituzzjonali u ċertezza adegwata fl-applikazzjoni tar-regoli u l-kontrolli[4] kif ukoll multi ogħla; |
| 9 | Kooperazzjoni ġenwina bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali hija governanza tajba; |
| 10 | Għandu japplika l-prinċipju tas-sussidjarjetà biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw għodod speċifiċi ta' monitoraġġ. |

# 2. RIŻULTATI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Is-sommarju li ġej jelenka l-problemi u n-nuqqasijiet (riżultati) u s-soluzzjonijiet possibli (rakkomandazzjonijiet). Il-kontenut taż-żewġ naħat tat-tabella mhux dejjem jaqbel, minħabba raġunijiet ta' formatting.

---

2 L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tfisser tibdil fil-leġislazzjoni.

3 Mill-awtoritajiet nazzjonali sal-atturi soċjoekonomiċi fil-livell lokali. Kieku ż-żewġ Direttivi jiġu applikati b'mod korrett, dawn isaħħu lil xulxin.

4 Mill-prinċipju *"semmi u mmalafama"* (awtoregolamentazzjoni, kodiċi settorjali ta' kondotta) sal-prosekuzzjoni u l-esklużjoni mis-suq. Iċ-ċertezza legali hija r-riżultat aħħari.

| SHORTCOMINGS (FINDINGS) | PROPOSED SOLUTIONS (RECOMMENDATIONS) |
|---|---|
| **HEADING** | |
| ITEM RELATED TO THE SERVICES DIRECTIVE | |
| Shortcomings, problems and obstacles highlighted by the various interlocutors in interviews, meetings and publications (12) | *Proposals to remedy shortcomings, problems and obstacles* |
| ITEM RELATED TO THE POSTING OF WORKERS DIRECTIVE | |
| Shortcomings, problems and obstacles highlighted by the various interlocutors in interviews, meetings and publications | *Proposals to remedy shortcomings, problems and obstacles (34)* |

Source (page of the staff working paper where the statement is taken from)

L-istruttura tas-sommarju "Riżultati u rakkomandazzjonijiet"[5].

| NUQQASIJIET (RIŻULTATI) | SOLUZZJONIJIET PROPOSTI (RAKKOMANDAZZJONIJIET) |
|---|---|
| **AMMINISTRAZZJONI** | |
| **DIKJARAZZJONIJIET** | |
| 45 % tal-ħaddiema barranin mingħajr dikjarazzjoni jaħdmu fis-settur tal-kostruzzjoni (34) | *Għandu jiġi assigurat li l-10 Stati Membri li m'għandhomx sistema ta' dikjarazzjoni minn qabel jimplimentaw waħda sabiex (32) ...* |
| Mhux l-Istati Membri kollha għandhom sistema ta' dikjarazzjoni minn qabel (36) | *... Id-dikjarazzjoni ta' attività tista' tintuża kullimkien* |
| Id-dikjarazzjonijiet li jidhru korretti jistgħu jgħattu kontabilità moħbija | *Id-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu f'format elettroniku* |
| **FORMOLI A1**[6] | |
| Il-formoli A1 huma soġġetti għal frodi. L-Istati Membri ta' oriġini ma jivverifikawx l-informazzjoni fil-formola A1 jew l-użu tagħha fl-Istati Membri ta' destinazzjoni (32) | *Il-formola A1 ivverifikata għandha tiġi ppreżentata qabel jinbeda x-xogħol* |
| | *Għandha tkun marbuta mal-iskema tal-kard* |
| Numru sostanzjali ta' formoli A1 huma ffalsifikati, jew fihom l-iżbalji u ma jiġux iċċekkjati (99) | *Id-determinazzjoni tal-istatut tal-impjieg għandha tkun ir-responsabbiltà legali tal-pajjiż li fih isir ix-xogħol. Il-pajjiż għandu jiddeċiedi jekk il-konformità/il-monitoraġġ humiex evidenti miċ-ċirkostanzi ta' xogħol u mill-kundizzjonijiet kuntrattwali.* |
| | *L-iskema tal-kard tista' tkun utli fl-indirizzar tar-riskju tal-frodi* |
| **QAFAS LEĠISLATTIV U ISTITUZZJONALI** | |
| Il-qafas leġislattiv u istituzzjonali għall-kontrolli jidher li hu limitat. Fi kliem ieħor, hemm probabbiltà li l-qafas leġislattiv u istituzzjonali attwali jsolvi l-problemi (pereżempju dawk relatati mal-kontrolli, il-protezzjoni tad-data, id-dimensjoni soċjali tal-UE, eċċ.)? | |

[5] Dokument ta' ħidma tal-persunal: ara http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-services-directive. Jekk ma jkunx hemm paġna indikata, dan ifisser li d-dikjarazzjoni tkun ħarġet mid-diskussjonijiet mal-kontributuri.

[6] Il-formola A1 tagħti prova tal-istatut tal-kontribuzzjonijiet soċjali tal-ħaddiema stazzjonati (http://europa.eu/youreurope/citizens/work/social-security-forms/index_mt.htm).

| SKEMA TAL-KARD[7] | |
|---|---|
| Il-kwistjoni dwar il-protezzjoni tad-data tidher li hija problematika (jew ċirku vizzjuż) peress li tista' tostakola l-aċċess għal ċertu informazzjoni:<br>- il-kard ma tipprevenix il-frodi, pereżempju ffalsifikar jew dupplikazzjoni (iżda tagħmilha iktar diffiċli);<br>- il-vantaġġi tagħha huma limitati, peress li ħafna ħaddiema sekondati għandhom kuntratti qosra ħafna;<br>- teħtieġ dikjarazzjoni elettronika, li tinsab fuq karta[8];<br>- l-iskemi eżistenti tal-kards fl-Istati Membri għandhom skopijiet differenti (35) | *L-użu tal-karta tal-identità jew tal-passaport jista' jkun għażla prattika u prattikabbli li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli (38)*<br>*Il-kard tista' tinkludi korp standard ta' informazzjoni. Informazzjoni oħra tkun fakultattiva, pereżempju l-kwalifiki professjonali tat-titolari (43)*<br>*L-interoperabilità transkonfinali tal-iskemi tal-kards hija essenzjali*<br>*Għandu jiġi implimentat il-prinċipju tad-dawl tat-traffiku* |

| ASPETTI LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| **AWTOREGOLAMENTAZZJONI** | |
| L-awtoregolamentazzjoni wriet li hi utli u effiċjenti f'numru ta' setturi bħar-riklamar jew ix-xorb alkoħoliku. Din tippermetti wkoll tip ta' flessibilità u reattività li hija nieqsa minnhom il-leġislazzjoni. Madankollu, l-awtoregolamentazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni tidher li hija diffiċli minħabba l-karatteristiċi attwali ta' dan is-settur. | *Ċertament hemm lezzjonijiet x'jinsiltu minn skemi bħal dawn li bażikament jeħtieġu "bidla fil-klima" fir-rigward tal-kuraġġ politiku u "awtodeterminazzjoni pożittiva" (28)*<br>*Tista' tkun għażla ta' awtoregolamentazzjoni sfurzata* |
| Il-liġijiet jadattaw bil-mod għall-iżviluppi ġodda (pereżempju bidla minn ekonomija pubblika għal ekonomija privata) | *L-awtoregolamentazzjoni hija aktar reattiva (u parteċipattiva)*<br>*Kodiċi ta' kondotta Ewropew ibbażat fuq l-aħjar prattiċi jgħin jiġu stabbiliti standards pereżempju dwar l-informazzjoni jew data li għandhom jiġu pprovduti (44)*<br>*Implimentazzjoni u infurzar adegwat tal-leġislazzjoni eżistenti għandhom ikunu biżżejjed anke f'termini ta' responsabbiltà tal-atturi rilevanti differenti* |
| **SMEs** | |
| Il-pressjoni fuq l-SMEs (u fuq l-intrapriżi żgħar ħafna) fis-settur tal-kostruzzjoni li jħaddmu impjegati fit-tul minħabba l-ħaddiema bi spejjeż baxxi mill-Istati Membri tal-Lvant (ħlief fi professjonijiet regolati bħas-servizzi tal-funeral) | |
| Spejjeż soċjali eċċessivament għolja jwittu t-triq għall-frodi (35) | |
| M'għandhomx aċċess għas-swieq transkonfinali (lingwa, assigurazzjoni, eċċ.) | |
| Il-kumplessità tal-liġijiet nazzjonali tax-xogħol u l-leġislazzjoni Ewropea | *Il-KESE appoġġja diversi drabi l-applikazzjoni tal-* |

7 Il-FIEC (il-Federazzjoni tal-Industrija Ewropea tal-Kostruzzjoni) u l-EFBWW (il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tal-Kostruzzjoni u l-Injam) nedew studju ta' sistemi eżistenti ta' kards bil-għan li jiffinalizzaw waħda sa Ġunju 2014. L-Isvezja għandha din is-sistema diġà. Id-Danimarka u n-Norveġja qegħdin jippjanaw li jintroduċuha.

8 Dan huwa każ sabiex jiġu żviluppati s-servizzi pubbliċi elettroniċi. L-Estonja u l-Awstrija, fost oħrajn, jistgħu jkunu ta' eżempji biex jiġu segwiti.

| | |
|---|---|
| | *prinċipji tar-Regolament Intelliġenti*[9] |

| ASPETTI PRATTIĊI | |
|---|---|
| **AKKWIST PUBBLIKU**[10] | |
| Sidien jew awtoritajiet kontraenti li dejjem ifittxu l-orħos offerta jwasslu għal frodi (35) | L-irħas offerti għandhom jiffaċċjaw rekwiżiti żejda (l-oneru tal-provi) (38) |
| Għadd ta' kumpaniji akbar tal-kostruzzjoni nbidlu f'intrapriżi li jiġġestixxu l-proġetti li jimmiraw forza tax-xogħol orħos u għalhekk inqas kwalifikata sabiex jirbħu l-offerti (28) | Jiġi promoss il-prinċipju ta' "l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża" flimkien ma' approċċ konsistenti għar-rifjut ta' offerti baxxi b'mod mhux normali (60) |
| | Is-sejħiet għall-offerti ta' spiss huma voluminużi għalxejn. Dan jipprevjeni lill-SMEs milli jkunu l-kuntratturi prinċipali u jillimita wisq il-kompetizzjoni |
| **ASSIGURAZZJONI** | |
| Problema li ilha teżisti ta' assigurazzjoni għal kumpaniji (speċjalment għall-SMEs) li joperaw fi Stat Membru ieħor[11] | |
| **ĦLAS TARD** | |
| Is-settur tal-kostruzzjoni (u partikolarment l-SMEs) huwa taħt pressjoni intensa minħabba l-ħlasijiet tard kemm mill-klijenti privati kif ukoll minn dawk pubbliċi | *Implimentazzjoni kif suppost tad-Direttiva dwar il-ħlas tard (2011/7/UE)* |
| | *Monitoraġġ u azzjoni mill-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ (settur privat) u mill-gvern (settur publiku)* |
| | *L-Istati Membri bi skadenzi qosra m'għandhomx jestenduhom (id-Direttiva ma tipprojbixxix l-estensjoni tal-iskadenzi għall-ħlas)* |
| **KONSUMATURI** | |
| L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi ma wrew l-ebda interess partikolari fis-sondaġġ tal-KESE, minkejja l-fatt li l-proċessi u l-materjali tal-kostruzzjoni huma potenzjalment ta' periklu għal partijiet terzi, kemm matul ix-xogħol kif ukoll wara li jkun lest | |
| Ir-responsabbiltà tal-konsumaturi sabiex jistabbilixxu t-termini tal-kuntratt | |
| **OBBLIGI TA' ASSIGURAZZJONI**[12] | |
| Oqsma griżi possibbli fir-rigward ta' professjonisti minn Stati Membri oħra (pereżempju l-Polonja) | |
| **RESPONSABBILTÀ** | |
| Hemm tendenza li r-riskji jiġu trasferiti 'l isfel. *Il-Belġju pereżempju timponi r-responsabbiltà fuq il-kuntrattur prinċipali (31)* | *Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwar ir-responsabbiltà tal-kuntrattur u tas-sottokuntrattur warajh jew li din tiġi sostitwita, kif xieraq, b'miżuri ekwivalenti (18)* |

[9] Ara l-Opinjonijiet CESE 1068/2005, ĠU C 24, 31.1.2006, p. 39 u CESE 984/2011, ĠU C 248, 25.8.2011, p. 87.

[10] Ara l-Opinjonijiet CESE 979/2008, ĠU C 224, 30.8.2008, p. 32, CESE 416/2007, ĠU C 161, 13.7.2007, p. 40, CESE 1162/2011, ĠU C 318, 29.10.2011, p. 113.

[11] Ara l-proġett ELIOS tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ ENTR), li janalizza kif sistema ta' referenza tista' tappoġġja l-assiguraturi (u l-assiguraturi mill-ġdid) fl-evalwazzjoni tar-riskju b'mod kompatibbli mal-għanijiet tas-suq intern (http://www.elios-ec.eu/en/introduction). Nhar il-31 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-aċċess għall-assigurazzjoni: http://ec.europa.eu/internal_market/services/services-dir/implementation/2012-communication/index_en.htm.

[12] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea huwa mistenni fl-ewwel sitt xhur tal-2014. Dan jirreferi għall-Artikolu 23 § 1 tad-Direttiva 2006/123/KE u jikkonċerna l-attivitajiet li jippreżentaw riskju ta' saħħa u sigurtà li bażikament jimplika responsabbiltà professjonali.

| | |
|---|---|
| Minħabba pressjoni kompetittiva intensa, il-kumplessità u nuqqas ta' trasparenza, ir-responsabbiltà tonqos - speċjalment fl-istruttura kaskata tal-kumpaniji (41) | *B'mod partikolari r-responsabbiltà tas-sottokuntrattur (Artikolu 12) tqieset minn Franza, fost Stati Membri oħra, li poġġietha fuq nett tal-lista tagħha ta' prijoritajiet (quddiem il-ftehim tad-09.12.2013 dwar id-Direttiva dwar l-infurzar), bħala prinċipju li huwa vinkolanti fuq is-settur tal-kostruzzjoni sabiex jiġu miġġielda l-istrateġiji frodulenti sofistikati (32)* |

| **KOOPERAZZJONI** | |
|---|---|
| **AWTORITAJIET REĠJONALI U LOKALI** | |
| | *L-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-proġetti tal-UE permezz tal-kooperazzjoni amministrattiva (76)* |
| **EVALWAZZJONI REĊIPROKA** | |
| L-evalwazzjoni reċiproka fiha wisq xogħol għall-awtoritajiet pubbliċi | *Għandha tiġi studjata r-rabta bejn il-vantaġġi tal-proċedura tal-evalwazzjoni reċiproka u l-piż konsegwenti* |
| **GVERN ELETTRONIKU** | |
| Disparità bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet relatati mas-servizzi pubbliċi onlajn | *Implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet relatati mas-servizzi pubbliċi onlajn b'mod rapidu, li huma faċli li jintużaw (speċjalment mill-SMEs), multilingwi u orħos, waqt li jintuża l-potenzjal sħiħ tal-ICT (32)* |
| Ċerti soluzzjonijiet promettenti ta' gvern elettroniku rriżultaw li kienu ineffiċjenti[13] | |
| **KOMUNIKAZZJONI** | |
| Mhux faċli biex jinstabu websajts rilevanti u utli, anke permezz tal-magni ta' tiftix; il-kumpaniji nazzjonali u l-ħaddiema mhumiex immirati kif xieraq, il-multilingwiżmu għadu mhux mifrux, l-aġġornamenti mhux dejjem isiru f'waqthom, eċċ. Il-potenzjal tal-internet għalhekk għadu mhux sfruttat biżżejjed[14]. F'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, kull Stat Membru jmexxi uffiċċju ta' kuntatt li jindirizza | *Il-websajts nazzjonali u Ewropej rilevanti għandhom jiġu aġġornati billi jorbtu ma' sorsi ta' informazzjoni onlajn fl-Istati Membri involuti fil-moviment tal-ħaddiema stazzjonati[15]* |
| | *Kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi (pereżempju dawl tat-traffiku, bażijiet ta' data, eċċ.)* |
| | *Involviment tad-DĠ EMPL fil-ġestjoni tal-informazzjoni* |

[13] Dan japplika għas-sistema Simplex tal-Portugall, li xi darba kienet titfaħħar ħafna u li issa ssofri minn nuqqas ta' riżorsi.

[14] Ara l-websajts li ġejjin dwar prattiċi bħall-impjieg indipendenti falz: http://www.stopsocialdumping.eu/ u http://www.faire-mobilitaet.de/.

[15] Ara l-websajt konġunta tal-EFBWW/FIEC dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema: http://www.posting-workers.eu/

| | |
|---|---|
| l-istazzjonar tal-ħaddiema | *Titjib u tħaffif tal-kooperazzjoni permezz ta' netwerks bejn l-uffiċċji ta' kuntatt u l-awtoritajiet ta' monitoraġġ tas-sit, l-iskambju ta' informazzjoni u data fost l-istituzzjonijiet b'mod transkonfinali (ara pereżempju SIRS fil-Belġju u DNLF fi Franza[16]). Ftehimiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali huma miżuri effettivi li għandhom jiġu implimentati (ara l-ftehim iffirmat fit-22 ta' Ġunju 2012 fil-Belġju bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-imsieħba soċjali fis-settur tal-kostruzzjoni)* |
| **KOOPERAZZJONI** | |
| M'hemmx biżżejjed kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi. In-netwerks IMI u SOLVIT[17] jitqiesu bħala li ma jintużawx biżżejjed (40) | |
| Il-kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi hija essenzjali fl-indirizzar b'mod deċiżiv ta' ċerti kwistjonijiet (27) | *Aġġornament tal-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti nazzjonali permezz tal-kooperazzjoni bejn il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni individwali (46)* |
| **PUNTI TA' KUNTATT WAĦDIENI[18]** | |
| Il-punti ta' kuntatt waħdieni ma jintużawx biżżejjed, ma tantx huma magħrufa u m'hemmx biżżejjed informazzjoni dwar kif jistgħu jiġu kkuntattjati (46) | • *Portal waħdieni tal-UE jista' jkun utli (dan jista' jgħin jingħelbu l-problemi potenzjali li jirriżultaw mid-disparità tal-kompetenzi u l-approċċi - speċjalment fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol - jew l-istandards - pereżempju dwar it-tagħmir tekniku bħall-krejns, il-makkinarju kbir għall-kostruzzjoni, l-omologazzjoni, il-liċenzji, eċċ - fil-livell nazzjonali); (32)*<br>• *Il-punti ta' kuntatt waħdieni m'għandhomx ikunu biss onlajn iżda għandhom ikunu wkoll fiżiċi;*<br>• *Hemm bżonn ta' kampanji ta' promozzjoni mifruxin mal-UE kollha* |
| Il-problemi relatati mal-funzjonament tal-punti ta' kuntatt waħdieni jinkludu l-prova ta' identità, l-użu ta' firem elettroniċi, eċċ. (75) | *Għandha titjieb l-informazzjoni dwar il-forniment temporanju ta' servizzi u dwar l-aspetti tekniċi* |
| Il-punti ta' kuntatt waħdieni mhumiex biżżejjed biex jipprovdu assistenza ta' kwalità u servizz adegwat (75) | • *Għandha ssir għażla tal-informazzjoni li verament tinħtieġ, pereżempju billi tiġi pprovduta informazzjoni adegwata u komprensiva dwar id-drittijiet nazzjonali tax-xogħol u l-arranġamenti fiskali (speċjalment fir-rigward tal-VAT); (75)*<br>• *Għandu jiġi żgurat li l-punti ta' kuntatt waħdieni huma pjattaformi interattivi ġenwini li jippermettu li jiġu kkompletati l-proċeduri, b'hekk imorru lil hinn minn sempliċiment forniment passiv ta' informazzjoni;*<br>• *Għandha titjieb il-faċilità tal-użu u titnaqqas il-burokrazija (fi ħdan il-punti ta' kuntatt waħdieni u fir-rigward tat-tqassir tal-proċeduri b'mod* |

[16] http://www.emploi.belgique.be/sirs.aspx uhttp://www.economie.gouv.fr/dnlf.

[17] Ara http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/. Is-sistema ta' *Informazzjoni tas-Suq Intern* (IMI) hija għodda ta' informazzjoni u komunikazzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi, bil-għan li jsir skambju tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (ara r-Regolament (UE) 1024/2012). Din tkopri s-servizzi, l-istazzjonar tal-ħaddiema u l-kwalifiki professjonali, fost oqsma oħra.

[18] http://ec.europa.eu/internal_market/eu-go/.

| | |
|---|---|
| | *ġenerali)* |
| | *Il-punti ta' kuntatt waħdieni għandhom ifissru semplifikazzjoni amministrattiva (75)* |
| Disparitajiet bejn Stat Membru u ieħor (35) | *Il-punti ta' kuntatt waħdieni għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-leġislazzjoni tax-xogħol u dik soċjali fid-diversi Stati Membri* |
| | *Id-djalogu u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-punti ta' kuntatt waħdieni fl-Istati Membri għandu jsir bl-istess kundizzjonijiet fl-Istati Membri kollha* |
| Il-kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mhux qegħdin jitwettqu b'konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi[19] (81) | *Kampanji ta' informazzjoni f'waqthom bl-involviment ta' protagonisti bħall-Kmamar tal-Kummerċ;* |
| | *Konsistenza aħjar bejn il-politiki u r-riżultati jew il-konsegwenzi fil-livell lokali* |
| Jeżistu sorsi differenti fejn portal waħdieni (pereżempju l-punt ta' kuntatt waħdieni ideali) kieku jipprovdi valur miżjud ovvju billi jagħmel il-ħajja aktar faċli għall-partijiet kollha (82) | *Implimentazzjoni tal-kunċett "punt ta' kuntatt waħdieni" fil-proċess kollu* |
| In-nuqqas ta' multilingwiżmu, fejn il-punti ta' kuntatt waħdieni suppost jiffaċilitaw l-attivitajiet transkonfinali (82) | *Minn tal-inqas l-Ingliż għandu jkun għażla, iżda l-multinlingwiżmu għandu jippermetti udjenza ikbar* |
| | *L-Istati Membri għandhom jiffirmaw Karta tal-punti ta' kuntatt waħdieni li tinkludi indikaturi kwantitattivi (84)* |
| **RIKONOXXIMENT REĊIPROKU** | |
| Rikonoxximent reċiproku tal-akkreditazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet maħruġa abbażi ta' direttivi tal-UE li jkunu speċifiċi għas-settur (gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, attivitajiet relatati mat-trattament tal-iskart, eċċ.) | |
| **SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TAS-SUQ INTERN (IMI)** | |
| Is-sistema IMI possibbilment ma tintużax biżżejjed (75) | *Għandu jsir użu aħjar tal-IMI sabiex ikun hemm komunikazzjoni b'mod rapidu u effettiv[20]* |
| **SOLVIT** | |
| SOLVIT ma jintużax biżżejjed[21] (78) | *Żieda fil-persunal u l-baġit* |
| | *Komunikazzjoni u informazzjoni aħjar (inklużi l-multiplikaturi u l-midja)* |

| | |
|---|---|
| **SERVIZZI FIS-SUQ UNIKU** | |
| **IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI** | |
| Interpretazzjoni frammentata u implimentazzjoni inadegwata tad-Direttiva dwar is-servizzi | *Infurzar effettiv - mod intelliġenti u rapidu sabiex jinħoloq it-tkabbir mingħajr infiq pubbliku* |
| | *Konsistenza bejn ir-reviżjoni tal-pari (taħt id-Direttiva dwar is-servizzi) u l-evalwazzjoni reċiproka (taħt id-Direttiva dwar il-kwalifiki professjonali)* |

19 L-*Eurochambres* indika n-nuqqas ta' sinkronizzazzjoni bejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-kampanji ta' informazzjoni f'ċerti Stati Membri.

20 Ara l-Opinjoni CESE 1848/E011, ĠU C 43, 15.02.2012, p. 14.

21 Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar l-IMI (CESE 1848/2011, ĠU C 43, 15.2.2012, p. 14). Ara wkoll l-Opinjonijiet tal-KESE dwar l-Att dwar is-Suq Uniku (CESE 525/2011, ĠU C 132, 3.5.2011, p. 47, CESE 1583/2011, ĠU C 24, 28.1.2012, p. 99, CESE 1575/2012, ĠU C 299, 4.10.2012, p. 165, CESE 2039/2012, ĠU C 76, 14.3.2013 p. 24) li jindikaw il-fatt li SOLVIT m'għandux biżżejjed persunal u riżorsi. Ġeneralment SOLVIT huwa inviżibbli (ħafna organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u Kmamar tal-Kummerċ lokali pereżempju lanqas biss jafu li jeżisti).

| | |
|---|---|
| | *L-identifikazzjoni ta' oqsma fejn l-Istati Membri qegħdin jimblukkaw b'mod sproporzjonat l-aċċess għal ċerti professjonijiet* |
| | *L-għażla ta' rikonoxximent reċiproku fejn l-armonizzazzjoni ma tapplikax* |
| | *It-tislit ta' lezzjonijiet mir-reġjuni konfinali. Il-kooperazzjoni transkonfinali ta' spiss tipprovdi eżempji li jistgħu jintużaw ta' kif is-suq uniku jista' verament jaħdem* |
| | *L-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ksur rapidi meta jiġi identifikat ksur tad-Direttiva* |
| Fornituri ta' servizzi li jsofru minn prattiki diskriminatorji mhux ġustifikati (nazzjonalità, post ta' residenza) | *L-Istati Membri għandhom jinfurzaw l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi* |
| Kopertura transkonfinali inadegwata tal-assigurazzjoni għall-fornituri tas-servizzi | *Djalogu bejn il-partijiet interessati*[22] |
| | *Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu applikati kif suppost u infurzati fil-livell lokali (prinċipju "aġixxi kif miftiehem")* |
| Id-deċiżjoni sabiex jitneħħew ċerti restrizzjonijiet (Artikolu 15 u 16), li f'ċerti każijiet limitati jistgħu jkunu ġustifikati taħt id-Direttiva dwar is-servizzi minħabba raġuni superjuri ta' interess ġenerali, hija f'idejn l-Istati Membri - oqsma griżi / protezzjoniżmu (83) | *Il-gvernijiet u l-awtoritajiet responsabbli għandhom iwettqu analiżi tajba ta' proporzjonalità għar-regoli nazzjonali u l-iskemi ta' awtorizzazzjoni* |
| | *Approċċ volontarju għandu l-limiti tiegħu u jista' jkun utli li jiġu ċċarati aktar il-kunċetti ta' "proporzjonalità" u x'jikkostitwixxi eżatt b'"raġuni superjuri ta' interess ġenerali"* |
| | *Dibattitu miftuħ dwar l-analiżijiet ta' proporzjonalità li twettqu u sa fejn l-Istati Membri użaw il-margni ta' manuvra tagħhom u żammew ċerti restrizzjonijiet li huma kemxejn dubjużi* |
| | *L-Istati Membri għandhom dejjem jirrispettaw is-sustanza ta' Direttiva jew Regolament, jevitaw l-ambigwitajiet u joqogħdu lura milli jżidu rekwiżiti addizzjonali (jiġifieri regolamentazzjoni żejda) li jistgħu jwasslu għal spejjeż addizzjonali bla bżonn għan-negozji* |
| Għalkemm l-ambitu tagħha huwa wiesa', id-Direttiva dwar is-servizzi ma tkoprix għadd sħiħ ta' rekwiżiti importanti li jolqtu direttament lill-fornituri tas-servizzi | *Il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi fil-fond ulterjuri tal-funzjonament prattiku, inklużi l-problemi u l-ostakli li fadal tas-swieq tas-servizzi b'mod ġenerali u l-bżonnijiet reali li jeżistu fil-livell lokali (83)* |
| | *Din l-analiżi għandha tqis ukoll l-oqsma rilevanti kollha li mhumiex indirizzati mid-Direttiva dwar is-servizzi, bħall-kwalifiki professjonali, l-istazzjonar tal-ħaddiema, id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-liġi applikabbli (ir-Regolamenti Ruma 1 u Ruma 2*[23]*) jew il-ġurisdizzjoni tal-qrati (ir-Regolament Brussell 1) (83)* |
| | *L-adozzjoni ta' approċċ verament integrat għas-* |

22 Ara n-nota nru 11 f'qiegħ il-paġna.

23 http://europa.eu/legislation_summaries/justice_freedom_security/judicial_cooperation_in_civil_matters/l16027_en.htm.

| | |
|---|---|
| | *servizzi fl-Ewropa (83)* |
| Nuqqas ta' pressjoni fuq l-Istati Membri sabiex isir progress (konsistenza, konverġenza, interess pubbliku komuni, eċċ.) | *Introduzzjoni mill-ġdid tar-rappurtaġġ formali li l-Kummissjoni (DĠ MARKT) ipprovdiet (fl-2009 u fl-2010) permezz ta' "noti ta' informazzjoni" pubbliċi ddettaljati regolari lill-Kunsill tal-Kompetittività (u lill-Parlament Ewropew) dwar "l-istat ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi" (83)* |
| | *Ir-rapporti attwalizzati għandhom jiffukaw fuq is-suġġett usa' tal-istat tas-suq uniku għas-servizzi (84)* |
| | *Apparti d-data kwantitattiva ta' implimentazzjoni, għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati reali / il-funzjonament tas-swieq tas-servizzi fil-livell lokali, kif ukoll l-ostakli u l-problemi li jiffaċċjaw in-negozji u l-konsumaturi, anke sabiex ikun hemm aktar trasparenza dwar il-kwistjonijiet li għadhom mhux solvuti u sabiex jiġi promoss aħjar il-progress li sar (84)* |
| In-nuqqas ta' perspettiva ġenwina tas-suq uniku li jkopri kemm is-servizzi koperti mid-Direttiva dwar is-servizzi kif ukoll dawk li mhumiex inklużi fl-ambitu tagħha[24] | *Approċċ integrat għas-servizzi fis-suq uniku permezz ta' strument orizzontali (83)* |
| | *Bżonn ta' konsistenza ma' direttivi u inizjattivi oħra tal-UE (approċċ integrat u olistiku) (84)* |
| **KONTROLLI** | |
| Inkjesti eżawrjenti huma neċessarji sabiex tiġi traċċata l-frodi (35) | *Il-ħolqien ta' aġenzija Ewropea ta' spezzjoni tax-xogħol sabiex l-Istati Membri jiġu assistiti jiġġieldu l-frodi transkonfinali u l-leġislatur jiġi pprovdut b'każijiet speċifiċi, filwaqt li titjieb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali (speċjalment ma' dawk l-Istati Membri li għandhom problemi strutturali)* |
| | *Għażla oħra hija li tintgħażel li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol sabiex jingħelbu dawn il-kwistjonijiet kumplessi bħall-kompetenzi nazzjonali u s-sovranità* |
| Problemi sussegwenti bħal-lingwa, nuqqas ta' dokumenti fuq is-sit, prova ta' impjieg, eċċ. (35) | *Is-sistema Belġjana LIMOSA[25] tista' tintuża bħala eżempju meta tiġi kkunsidrata sistema għall-iskambju ta' informazzjoni u kontrolli aħjar* |
| L-operaturi transnazzjonali huma attivi f'ambjent legali eteroġenju minħabba liġijiet nazzjonali diverġenti (35) | *Dokument Ewropew ta' paga jista' jkun utli kieku jkun ibbażat fuq bażi ta' data li tippermetti lill-Istati Membri jiċċekkjaw l-eżattezza tad-data* |
| Il-kooperazzjoni mill-iktar livell baxx 'il fuq (inklużi l-imsieħba soċjali) u l-antiċipazzjoni għadhom nieqsa, speċjalment fid-dawl ta' kemm hi mifruxa l-frodi | *Sistema ta' "semmi u mmalafama" bl-użu tal-bażi tad-data VIES[26] bħala għodda sabiex jintgħażel sottokuntrattur (32)* |
| Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali | *Id-dikjarazzjoni ta' attività għandha tintuża* |

[24] Servizzi għas-sigurtà privata, trasport urban, servizzi tat-taksi, kura tas-saħħa, servizzi soċjali u servizzi minn aġenziji għal impjieg temporanju. Tingħibed l-attenzjoni wkoll għal kwistjonijiet oħra bħan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, in-numru ta' professjonijiet u speċjalizzazzjonijiet regolati, assigurazzjoni doppja u n-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku kif ukoll standards nazzjonali konfliġġenti.

[25] Id-dikjarazzjoni LIMOSA tkopri l-istazzjonar tal-ħaddiema, is-servizzi, l-impjieg indipendenti, fi kliem ieħor il-ħidma transkonfinali b'mod ġenerali.

[26] Il-bażi ta' data tal-UE dwar il-VAT: http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/vat/traders/vat_number/index_en.htm. Dan jimplika ambjent mingħajr karta, proċeduri faċli li jintużaw mill-utenti (pereżempju bid-dawl aħmar/aħdar) u amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali (pereżempju l-ispettorati tax-xogħol) li jkunu responsabbli mill-proċeduri ta' ġestjoni.

| | |
|---|---|
| inklużi l-iskemi ta' taħriġ għandha tiġi żviluppata aktar speċjalment minħabba s-sistemi legali u referenzi diverġenti | *kullimkien (32)* |
| L-istrumenti jew il-korpi ta' kontroll m'għandhomx biżżejjed persunal quddiem l-ammont ta' kompiti filwaqt li kumpaniji *bona fide* jisparixxu mis-suq (31) | *L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw miżuri ta' kontroll attwali u addizzjonali jew formalitajiet amministrattivi li jqisu effettivi u neċessarji - filwaqt li jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda* |
| Iktar ma l-kompiti jkunu kumplessi, iktar hemm bżonn ta' riżorsi | *Għandhom jiġu studjati miżuri jew formoli ta' monitoraġġ ġodda b'konformità mad-Direttivi* |
| **PROFESSJONIJIET REGOLATI**[27] | |
| Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-iffaċilitar tal-aċċess għall-professjonijiet regolati (fi kliem ieħor forma ta' deregolazzjoni) tista' tostakola numru ta' setturi ta' attività, inkluż is-settur tal-kostruzzjoni | *Ir-regolamentazzjoni tfisser li jkun hemm livell għoli ta' kontroll (29)* |
| Din tista' twassal li jiċċajpru l-limiti professjonali u r-responsabbiltajiet assoċjati, u dan għandu tendenza li jdgħajjef il-fiduċja pubblika fil-forrnituri tas-servizzi | |
| Attenzjoni għad-deregolamentazzjoni f'ċerti setturi, inkluż dak tal-kostruzzjoni | *Implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva l-ġdida dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali* |
| Il-professjonijiet regolati jvarjaw bejn l-Istati Membri (38) | |
| **SERVIZZI FIS-SUQ INTERN** | |
| In-nuqqas ta' suq integrat għas-servizzi jispjega parti mid-diverġenza fil-produttività bejn l-Istati Uniti u l-UE matul l-aħħar 20 sena | *Tneħħija tal-ostakli maħluqa minn regolamenti nazzjonali li jqumu l-flus (78)* |
| Hemm tendenza li s-swieq tas-servizzi jkunu regolati żżejjed. Hemm ukoll diverġenzi sinifikanti bejn ir-regolamenti nazzjonali li jostakolaw il-provvediment transkonfinali ta' servizz | |
| In-nuqqas tal-fornituri tas-servizzi milli jimplimentaw metodi organizzattivi ġodda li jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-ICT | |
| Id-Direttiva tħalli lill-gvernijiet b'wisq diskrezzjoni biex jiddeċiedu x'jikkostitwixxi ostaklu għall-istabbiliment jew ostaklu għall-provvediment ta' servizzi bejn il-fruntieri. Dawn l-ostakli jistgħu jiġu ġustifikati bħala 'proporzjonati' (78) | *L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka għandu jsir reviżjoni permanenti tar-Regolament dwar is-servizzi sabiex ir-regolaturi jitħeġġu jneħħu regoli superfluwi u jafdaw ir-regoli ta' xulxin* |
| Id-disfunzjonament fis-swieq tas-servizzi jdgħajfu l-kapaċità tal-euro li tassorbi x-xokkijiet monetarji u l-funzjonament adegwat tal-unjoni monetarja (79) | |
| Hemm iktar ostakli fis-servizzi milli fil-merkanzija, il-kummerċjalità hija baxxa u selettiva filwaqt li l-SMEs jistga' jkollhom problema bil-libertà tal-istabbiliment (79) | |
| *It-tneħħija ta' ostakli intra-Komunitarji tiddependi b'mod kritiku fuq l-abolizzjoni jew ir-riforma tar-* | *Dan jimplika riformi profondi tas-servizzi domestiċi li jwasslu għal swieq tas-servizzi aktar kompetittivi u li* |

[27] Ara wkoll l-eżerċizzju ta' trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-13-897_mt.htm.

| | |
|---|---|
| *Regolament dwar is-servizzi domestiċi (79)* | *jaħdmu aħjar kullimkien, li huma essenzjali u ħafna iktar importanti għat-tkabbir tal-UE milli espożizzjoni għall-kummerċ f'servizzi transkonfinali intra-Komunitarji pereżempju.* |
| Is-servizzi jsofru minn disparità jew varjazzjoni regolatorja bejn l-Istati Membri[28] (79) | |
| Dak li jintrebaħ mill-ikkompletar tas-suq intern totalment integrat fil-livell tal-UE (jiġifieri, lil hinn mid-Direttiva dwar is-servizzi orizzontali) għadu mhux mifhum kompletament (79). Il-ħsid tal-benefiċċji minn swieq tas-servizzi li jiffunzjonaw aħjar mhux dejjem ikun kwistjoni ta' kompetizzjoni akbar (80) | *Fis-servizzi finanzjarji għad m'hemm l-ebda stimi ġodda, filwaqt li fl-industriji tan-netwerk għad hemm biss xi tentattivi ad hoc (li jindikaw benefiċċji pjuttost sostanzjali); fis-servizzi professjonali m'hemm l-ebda stimi affidabbli disponibbli. F'dawn it-tliet oqsma, m'hemmx ħaġa bħal suq uniku ġenwin, li jissuġġerixxi benefiċċji ulterjuri konsiderevoli; il-benefiċċji ekonomiċi ta' bosta suriet mid-Direttiva dwar is-servizzi qegħdin jibdew jiġu mifhuma biss issa u l-benefiċċji fuq perjodu medju u dawk itwal kważi ċertament iżidu diversi punti perċentwali għall-PDG tal-UE, jekk mhux iktar. Jekk inżidu l-benefiċċji li ilhom traskurati ta' eteroġeneità anqas regolatorja fis-servizzi, il-benefiċċji jkunu saħansitra ogħla* |
| Ir-regoli tas-suq intern mhumiex jiġu implimentati kompletament[29] - implimentazzjoni nieqsa / piżijiet amministrattivi u proċedurali jostakolaw il-provvediment transkonfinali tas-servizzi għall-professjonisti (97) | *Dan jeħtieġ investiment konsiderevoli fl-infrastruttura (gass, elettriku, ferrovija u internet) fuq perjodi itwal fl-Unjoni kollha. Każ uniku huwa s-suq uniku diġitali, flimkien ma' Aġenda Diġitali usa'* |
| **SORVELJANZA TAS-SUQ** | |
| L-ambjent kważi "ħieles mis-sanzjonijiet" li jiffavorixxi l-frodi jew il-prattiċi kriminali | *Esklużjoni mis-suq (27)*<br>*Multi u sanzjonijiet ogħla (19)* |
| Il-kumplessità estrema tas-suq tagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet pubbliċi li jikkontrollaw u tagħmilha faċli għall-intrapriżi frodulenti sabiex jiżgiċċaw il-liġijiet jew jaħarbu minn kwalunkwe forma ta' responsabbiltà | *Tiġi indirizzata l-kwistjoni urġenti ta' aġenziji multinazzjonali ta' xogħol (46)* |
| Korrelazzjoni mxerrda bejn ir-rigressjoni tal-preżenza pubblika (pereżempju minħabba nuqqas ta' riżorsi jew impenn politiku[30]) f'oqsma fejn dejjem kien mistenni li jipprovdu direzzjonijiet u d-deterjorament tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' xogħol, ta' għajxien u ta' negozju | *Viżibbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi flimkien ma' kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet fil-livell nazzjonali u dak transkonfinali (26)*<br>*Żvilupp ta' soluzzjonijiet ta' gvern elettroniku* |

| | |
|---|---|
| **SUQ TAX-XOGĦOL** | |
| **AĊĊIDENTI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL** | |
| Id-definizzjonijiet ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol ivarjaw bejn l-Istati Membri. Dan għandu | |

[28] *"Din 'l-eteroġeneità regolatorja' tista' tqum ħafna flus għan-negozji b'fokus Ewropew - għal kull pajjiż ikollhom jitħallsu separatament spejjeż ta' dħul fissi, li jridu jerġgħu jaqalgħuhom qabel ma l-investiment u d-dħul isiru profitabbli. Spejjeż ta' dħul fissi rikorrenti bħal dawn jiskoraġġixxu ħafna lill-SMEs li joffru servizz u ma tantx huma ta' għajnuna għal ħafna fornituri oħra. (...) Tnaqqis limitat tal-eteroġeneità regolatorja fl-OECD diġà twassal għal żidiet sostanzjali fl-investiment barrani dirett li jidħol".* Rapport Speċjali tal-CEPS Nru. 67, paġna 17.

[29] Ara l-Katalogu tal-SMO dwar l-Ostakli għas-Suq Intern, http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.publications.24626.

[30] Pereżempju tnaqqis fin-numru ta' spettorati tax-xogħol, ta' punti ta' kuntatt tas-servizz pubbliku, eċċ. Bażikament japplika l-prinċipju ta' *"dejjem anqas nies għal kompiti dejjem aktar kumplessi"*.

| | |
|---|---|
| impatt fuq il-livell ta' kumpens u fuq ċerti sistemi nazzjonali ta' saħħa | |
| **DUMPING SOĊJALI** | |
| Id-dumping soċjali huwa ta' spiss "definit" skont il-perċezzjoni tal-individwu. B'mod ġenerali, dan jinftiehem li jiġġenera sitwazzjoni fejn ħaddiema bi spejjeż baxxi minn Stat Membru differenti jieħdu l-impjieg taċ-ċittadini. Il-Kummissjoni Ewropea tiddeskrivi l-prattika bħala sitwazzjoni fejn fornituri barranin ta' servizzi jistgħu jwaqqgħu l-prezzijiet tal-fornituri lokali ta' servizzi peress li l-istandards tagħhom ta' xogħol huma inferjuri[31]. | *Għandu jinżamm il-bilanċ fraġli bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali u l-bżonn għal strumenti effettivi għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-istandards tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti, kif imnaqqax fil-ftehim finali tad-Direttiva dwar is-servizzi*[32] |
| Hi x'inhi d-definizzjoni tad-dumping soċjali, hemm theddida perċeputa mifruxa għall-mudell soċjali Ewropew u għalhekk tnaqqis fl-appoġġ għall-integrazzjoni tal-UE (15, 25, 76, 104) | *Għandhom jiġu implimentati l-Artikolu 3 tat-TFUE u l-Karta tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali* |
| Ta' spiss, l-impjiegi meħuda mill-ħaddiema barranin huma preċiżament dawk li ċ-ċittadini ma jkunux iridu jagħmlu u għalhekk l-argument "qed joħdulna xogħolna" huwa essenzjalment ta' natura polemika u populista | *Jeħtieġ li jsir sforz sabiex jiġu rikonċiljati l-libertajiet tas-suq u d-drittijiet soċjali fundamentali* |
| | *Tiġi studjata l-idea ta' 'Interpol Soċjali Ewropew' b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Ispettorati tax-Xogħol tad-diversi Stati Membri*[33] |
| X'inhi l-funzjoni/il-pożizzjoni tal-Karta Soċjali fis-suq uniku? U dwar id-dimensjoni soċjali tal-ordni pubblika tal-UE? | |
| **MOBILITÀ** | |
| Dumping soċjali ovvju għandu impatt negattiv fuq l-immaġni tal-UE (35) | *Kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati għall-ħaddiema, sabiex jiġu informati dwar il-kundizzjonijiet qafas qabel jiffirmaw kuntratt ta' impjieg* |
| Jerġgħu jqumu s-suspetti lejn il-barranin, għad-detriment tal-preminenza tal-liġi (35) | |
| **SIGURTÀ SOĊJALI** | |
| Għalkemm is-sigurtà soċjali hija eskluża mill-ambitu tad-Direttiva dwar is-servizzi, *"mhu[wie]x kompitu politikament imposibbli li l-Istati Membri jiġu mġiegħla jimplimentaw leġislazzjoni dwar is-servizzi mingħajr armonizzazzjoni fl-UE kollha tas-sigurtà soċjali, il-paga u l-kundizzjonijiet, eċċ.?"* | *Applikazzjoni korretta tar-Regolament 883/04 (koordinazzjoni tas-sistemi soċjali) (11)* |
| | *Ħolqien ta' kompendju Ewropew tal-kunċetti fiskali u soċjali (26)* |
| | *Ħolqien ta' numru Ewropew tas-sigurtà soċjali* |
| Il-ħrib mir-regoli u l-obbligi soċjali huwa mifrux u jwassal għal distorzjonijiet fis-suq tal-kostruzzjoni | *Implimentazzjoni ta' mekkaniżmi li għandhom l-għan li jinfurzaw il-kundizzjonijiet fil-pajjiż ospitanti*[34] |
| **STAZZJONAR TA' ĦADDIEMA** | |
| Mhux l-Istati Membri kollha għandhom sistema ta' dikjarazzjoni minn qabel (36) | *Il-ħolqien ta' bażi ta' data li tagħmilha possibbli li l-ħaddiema jiġu segwiti - l-IMI jista' jiġi żviluppat aktar biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni* |
| Il-prova tal-kwalifiki mhiex obbligatorja fl-Istati | *Għandu jiġi adottat approċċ Ewropew* |

[31] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=471. Is-Sur Bernaciak, f'*Social dumping: political catchphrase or threat to labour standards?*, p. 40 (2012), jissuġġerixxi li *"id-dumping soċjali jista' jiġi definit bħala strateġija mmirata lejn it-tbaxxija tal-istandards soċjali għall-benefiċċju ta' kompetittività msaħħa. Hija mġiegħla mill-kumpaniji iżda tinvolvi indirettament lill-impjegati tagħhom u/jew lill-gvernijiet tal-pajjiż ospitanti u ta' oriġini, u għandha implikazzjonijiet negattivi fl-isfera soċjali."*

[32] http://www.euractiv.com/socialeurope/business-backs-commission-dispat-news-218283.

[33] Id-Direttiva dwar l-infurzar issemmi l-proposta tal-KESE mill-Opinjoni tiegħu CESE 970/2020,ĠU C 44, 11.02.2011, p. 90.

[34] Dan jimplika li d-Direttiva trid tiġi emendata.

| | |
|---|---|
| Membri kollha[35] | |
| Il-Belġju jirregola l-aġenziji ta' xogħol interim filwaqt li Stati Membri oħra ma jagħmlux dan (33) | *Għandu jiġi pprojbit ir-reklamar ta' prattiki illegali permezz tal-aġenziji ta' xogħol interim (33)*<br>*Il-ħaddiema stazzjonati għandhom jiġu infurmati kif dovut dwar il-leġislazzjoni rilevanti fil-pajjiż ta' destinazzjoni (44)* |
| Il-kunċett ta' ħaddiem stazzjonat indipendenti ma jeżistix (din hija kontradizzjoni) (20)[36] | |

| **UŻU ĦAŻIN** | |
|---|---|
| **FRODI** | |
| Frodi permezz tal-ħrib mil-liġijiet nazzjonali tal-impjieg (xogħol mhux iddikjarat jew impjieg indipendenti falz) (76)[37]<br>L-impunità relattiva tal-kumpaniji (fejn is-suq multinazzjonali jaqdi parti importanti) twassal għat-taħtit tan-nisġa soċjali | *- Prosekuzzjoni*<br>*- Qafas aktar effiċjenti, flessibbli u sempliċi għax-xogħol wara l-ħin fis-settur tal-kostruzzjoni*<br>*- Użu sistematiku ta' fatturi għall-materjal tal-kostruzzjoni*<br>*- Baġġ ta' identifikazzjoni fuq is-siti tal-kostruzzjoni (ara wkoll l-iskema tal-kard)*<br>*- Abbandun tal-uniku kriterju tal-offerta l-iktar baxxa fl-akkwist pubbliku*<br>*- Rabta tal-bażijiet ta' data pubbliċi u l-ġlieda kontra l-frodi*<br>*- It-tnaqqis fil-piżijiet soċjali u fiskali jiġu akkumpanjati minn alternattivi adegwati sabiex jiġi żgurat bilanċ baġitarju*<br>*- Tħeġġiġ ta' kostruzzjoni sostenibbli u ribass fiskali (26)* |
| L-ambjent kważi "ħieles mis-sanzjonijiet" li jiffavorixxi l-frodi huwa problema [38] (31) | *Sistema ta' "semmi u mmalafama" bl-użu tal-bażi tad-data VIES bħala għodda sabiex jintgħażel sottokuntrattur (32)*<br>*Multi ogħla sabiex jiġi skoraġġut il-frodi*<br>*L-esklużjoni mis-suq ta' intrapriżi frodulenti ħatja[39] (27)* |
| **IMPJIEG INDIPENDENTI FALZ** | |
| Varjetà kbira ta' definizzjonijiet nazzjonali ta' impjieg indipendenti. Huwa diffiċli li jiġu vvalutati u mħarrka l-abbużi transkonfinali tal-istatut ta' ħaddiem b'impjieg indipendenti (99)<br>L-impjieg indipendenti jeżisti meta jiġi stabbilit li l-attivitajiet jitwettqu:<br>• barra kwalunkwe relazzjoni ta' subordinazzjoni li tikkonċerna l-għażla ta' dik l-attività;<br>• barra kwalunkwe relazzjoni ta' subordinazzjoni li tikkonċerna l-għażla tal-kundizzjonijiet ta' rimunerazzjoni, taħt ir-responsabbiltà stess tal-persuna;<br>• kontra rimunerazzjoni mħallsa lil dik il-persuna | *Id-definizzjoni ta' għadd ta' kriterji Ewropej komuni, li għandhom jipprovdu linji gwida sabiex tiġi determinata n-natura tal-istatut ta' impjieg. Rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ir-rakkomandazzjoni tal-ILO tal-2006 tieħu approċċ wiesa' għall-kunċett ta' "relazzjoni ta' impjieg" sabiex tippermetti l-azzjoni kontra l-impjieg indipendenti falz (100).*<br>*Fid-deċiżjoni dwar jekk ikunx hemm relazzjoni ta' impjieg jew le, l-attenzjoni primarja għandha tkun fuq il-fatti dwar l-attivitajiet u r-rimunerazzjoni tal-impjegat, irrispettivament minn kif tkun karatterizzata r-relazzjoni, pereżempju, f'termini kuntrattwali (100).* |

35 Din hija obbligatorja fi Franza u l-Polonja.
36 Ara l-Opinjoni CESE 2063/2012, ĠU C 161, 6.6.2013, p. 14.
37 Ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=2055&furtherNews=yes.
38 Pereżempju l-multa ridikolużament baxxa ta' EUR 25 applikata fil-Belġju għal kull ħaddiem li huwa sfruttat ...
39 Kif implimentata fl-Awstrija, pereżempju.

| | |
|---|---|
| direttament u bi sħiħ.<br>Filwaqt li diversi Stati Membri diġà ppruvaw joħolqu definizzjoni preċiża tad-differenza bejn impjegati u persuni b'impjieg indipendenti abbażi ta' numru ta' kriterji stabbiliti minn qabel, il-varjetà kumplessa tas-sitwazzjoni attwali tal-persuni tfisser li, fil-prattika, ta' spiss kienet diffiċli li tinħoloq definizzjoni bħal din | *Il-KESE jappella li:*<br>• *tingabar data dwar l-hekk imsejjaħ "impjieg indipendenti ekonomikament dipendenti" fl-UE;*<br>• *jiġu identifikati aspetti komuni fid-definizzjonijiet ta' persuni impjegati fi Stati Membri differerenti;*<br>*jiġu promossi studji li jippermettu analiżi dettaljata tal-esperjenzi nazzjonali partikolarment f'żoni transkonfinali*[40]. |
| Teżisti relazzjoni ta' impjieg moħbija meta dak li jħaddem jittratta l-ħaddiem b'mod li jaħbi l-istatus legali veru tal-persuna bħala impjegat, u meta t-termini kuntrattwali jista' jkollhom l-effett ta' tneħħija tal-protezzjoni li l-impjegati huma intitolati għaliha (100) | *Regolazzjoni affidabbli u definizzjoni tal-impjieg indipendenti falz jgħinu lil dawk il-persuni li verament għandhom impjieg indipendenti u lill-mikrointrapriżi. L-impjieg indipendenti falz għandu jiġi miġġieled permezz tar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-pożiżżjoni reali fis-suq tax-xogħol* |
| Xi skemi li nħolqu fl-Istati Membri għall-iżvilupp tal-intraprenditorjat jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni għal dawk li għandhom impjieg indipendenti b'mod ġenwin, il-mikrointrapriżi u l-SMEs (101) | *Huwa importanti li jkun hemm studju tal-impatt għal dawn il-kategoriji kollha* |
| | *Għandu jitqies kif l-impjegati li jibdew jaħdmu għal rashom b'mod ġenwin jistgħu jibbenefikaw minn faċilitajiet konġunti, inklużi s-sistemi ta' sigurtà soċjali u l-iskemi tal-pensjoni* |
| **INTRAPRIŻI/IMĠIBA FRODULENTI** | |
| Intrapriżi frodulenti jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor, u jaħarbu mill-possibbiltà ta' prosekuzzjoni | *Il-pajjiż ta' oriġini għandu r-responsabbiltà li jtemm attivitajiet illegali* |
| | *Il-kumpaniji ħżiena JRIDU jiġu pprojbiti mis-suq. Il-frodi hija kriterju ta' esklużjoni* |
| L-infurzar tal-liġi mhuwiex biżżejjed fil-livell nazzjonali u transkonfinali | *L-infurzar adegwat tal-liġi huwa kwistjoni prinċipali* |
| Każijiet stabbiliti ta' rtirar tal-passaporti tal-ħaddiema u każijiet fejn parti biss mill-paga titħallas sabiex il-ħaddiema jinżammu fuq is-sit (41) | *Prosekuzzjoni* |
| Id-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema tiffoka fuq l-aspett ta' "*pajjiż A kontra pajjiż B*" u ma tqisx il-kumplessità ta' kumpaniji frodulenti minn diversi Stati Membri (37) | |
| **PRATTIKI ABBUŻIVI** | |
| F'ċerti każijiet estremi, il-ħaddiema huma sfruttati, jgħixu f'faqar estrem u xi daqqiet tinżammilhom il-paga (kompletament) sabiex jinżammu fuq is-sit tal-kostruzzjoni (27) | *"Is-sensibilizzazzjoni u l-kodiċi ta' kondotta; rotazzjoni tal-persunal; ir-rispett strett tal-prinċipju tal-kontroll doppju; regolamenti ċari dwar l-isponsorjar u l-projbizzjoni li jiġu aċċettati rigali; il-ħolqien ta' awtoritajiet ċentralizzati għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti; id-deskrizzjoni preċiża tas-sejħa għall-offerti u l-kontroll tal-istimi; organizzazzjoni tal-proċeduri tas-sejħa għall-offerti, inklużi s-segretezza tal-offerti u l-prevenzjoni ta' manipulazzjoni tard tal-offerti; użu miżjud tal-akkwist elettroniku; dokumentazzjoni tal-aġġudikazzjoni u kontroll bir-reqqa mill-korpi superviżorji; esklużjoni ta' intrapriżi ħatja ta' offiżi ta' korruzzjoni u l-ħolqien ta' listi* |

[40] Ara l-Opinjoni CESE 639/2010, ĠU C 18, 19.1.2011, p. 44.

| | |
|---|---|
| | *suwed/reġistri ta' korruzzjoni"*[41] |

[41] Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea kontra l-korruzzjoni: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/e-library/documents/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/acr_2014_mt.pdf.

# APPENDIĊI

## GĦANIJIET U METODOLOĠIJA

Il-KESE jixtieq jagħti stampa realistika tas-sitwazzjoni u tal-istrumenti (jew li huma attwalment disponibbli jew li għad iridu jiġu żviluppati) li hemm bżonn sabiex b'mod riżolut jiġu solvuti n-nuqqasijiet. Dawn ir-riżultati huma bbażati fuq[42]:

- l-evalwazzjoni tad-dokumenti u d-data rilevanti minn diversi sorsi (istituzzjonijiet, midja, universitajiet, imsieħba soċjali, gruppi ta' interess, think tanks, eċċ.);
- l-evalwazzjoni ta' intervisti mwettqa minn delegazzjoni ta' membri tal-KESE[43] ma' msieħba soċjali fis-settur tal-kostruzzjoni u l-awtoritajiet pubbliċi f'6 Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija) u ma' msieħba soċjali, istituzzjonijiet u think tanks Ewropej ibbażati fi Brussell;
- Opinjonijiet rilevanti tal-KESE.

*Għal diversi raġunijiet[44], jista' jkun hemm diverġenzi bejn in-nuqqasijiet perċeputi u s-sitwazzjoni eżatta fil-livell lokali (xi wħud tista', b'mod ġust, tiġihom it-tentazzjoni li jgħidu li qegħdin nindirizzaw mira tiċċaqlaq!) iżda r-rapport għandu l-għan li jipprovdi numru ta' soluzzjonijiet potenzjali biex jagħżlu minnhom l-leġislaturi.*

## ID-DIRETTIVI FIL-QOSOR

| **L-għan tad-Direttiva dwar is-Servizzi** (2006/123/KE) | **L-għan tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema** (96/71/KE). | **L-għan tad-Direttiva dwar l-infurzar** (COM (2012) 0131)[45] |
|---|---|---|
| Li tiffaċilita l-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi.<br>Li tissemplifika l-proċeduri amministrattivi.<br>Li tneħħi rekwiżiti diskriminatorji, li m'għadhomx japplikaw jew huma disproporzjonati.<br>Li tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.<br>Li jissaħħu d-drittijiet tal-konsumatur. | Li tiġi ffaċilitata l-prestazzjoni ħielsa transkonfinali tas-servizzi filwaqt li jiġi garantit li d-drittijiet u l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema stazzjonati huma protetti fl-Unjoni Ewropea kollha. | Li tippermetti implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE, inklużi l-miżuri li jipprevjenu u jissanzjonaw kwalunkwe abbuż jew ħrib mir-regoli applikabbli.<br>Li tiżgura rispett għal livell adegwat ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati, speċjalment fl-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplika fil-post fejn għandu jitwettaq is-servizz, filwaqt li tiġi ffaċilitata l-libertà għall-fornituri tas-servizzi li jipprovdu servizzi u |

42 L-evalwazzjoni tar-risposti għall-kwestjonarju ser tiżdied mar-rapport bħala appendiċi aktar tard.

43 Membri tal-*Osservatorju tas-Suq Uniku*: Ivan VOLEŠ, Ulrich SCHRÖDER (Grupp I), Christoph LECHNER, Martin SIECKER, President tas-Sezzjoni għas-*Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum* (INT, it-tnejn li huma Grupp II), Jorge PEGADO LIZ (Grupp III). Membri tal-*Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol* (LMO): Ana BONTEA (Grupp I), Denis MEYNENT (Grupp II, Viċi President tal-LMO), Eugen LUCAN (Grupp III).

44 Il-problemi rrappurtati jistgħu jkunu vera għal ċerti interessi ekonomiċi, il-kuntesti nazzjonali jvarjaw, eċċ.

45 Votazzjoni fil-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali) nhar it-18 ta' Marzu 2014 dwar ir-Rapport. Ara n-nota 50 fil-qiegħ tal-paġna.

tiġi promossa kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri tas-servizzi.

## ID-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI

Din id-Direttiva tistabbilixxi **qafas legali ġenerali li jippromovi l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi.** Hija bbażata fuq l-erba' pilastri li ġejjin:

- li tiffaċilita l-libertà tal-istabbiliment għall-fornituri u l-libertà ta' prestazzjoni ta' servizzi fl-UE;
- li ssaħħaħ id-drittijiet tar-reċipjenti ta' servizzi bħala utenti ta' dawn tal-aħħar;
- li tippromovi l-kwalità tas-servizzi;
- li tistabbilixxi kooperazzjoni amministrattiva effettiva fost l-Istati Membri.

Id-Direttiva tistabbilixxi qafas legali ġenerali għal kwalunkwe servizz ipprovdut għal dħul ekonomiku (bl-eċċezzjoni tas-setturi esklużi) filwaqt li titqies in-natura speċifika ta' ċerti attivitajiet jew professjonijiet. Id-Direttiva tkopri grupp wiesa' ta' attivitajiet ta' servizzi li huma responsabbli għal madwar 40 % tal-PDG u tal-impjieg tal-UE.

Tkopri setturi bħall-**kostruzzjoni** u l-industriji tal-artiġġjanat (...), il-maġġoranza tal-**professjonijiet regolati** (avukati, periti, inġiniera, kontabilisti, pereżempju)[46].

L-Artikolu 17[47] ta' din id-Direttiva jiddikjara li l-**Artikolu 16** ("*L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-fornituri li jfornu servizzi fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn huma stabbiliti. L-Istat Membru fejn ġie provdut is-servizz għandu jiżgura aċċess liberu u eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz fi ħdan it-territorju tiegħu.*") **m'għandux japplika għal (...) kwistjonijiet koperti mid-Direttiva 96/71/KE** (id-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema).

## ID-DIRETTIVA DWAR L-ISTAZZJONAR TAL-ĦADDIEMA

Fis-settur tal-kostruzzjoni japplikaw il-kundizzjonijiet prinċipali stabbiliti fil-ftehimiet kollettivi u l-liġijiet sekondarji[48].

(a) perjodi massimi ta' xogħol u perjodi minimi ta' mistrieħ;
(b) ammont minimu tal-vaganzi annwali mħallsa;
(c) rati minimi ta' ħlas*, li jinkludu rati ta' sahra;
(d) kundizzjonijiet ta' prestazzjoni ta' ħaddiema, b'mod partkulari il-fornitura ta' ħaddiema minn impriżi ta' mpjieg temporanju[49];
(e) is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol;
(f) miżuri protettivi dwar termini u kundizzjonijiet ta' mpjieg ta' nisa tqal jew nisa li għadhom kif weldu reċentement, ta' tfal u ta' żgħażagħ;
(g) it-trattament ugwali bejn irġiel u nisa u dispożizzjonijiet oħra dwar non-diskriminazzjoni.

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas huwa definit mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem huwa mibgħut.

## ID-DIRETTIVA DWAR L-INFURZAR

L-għan tad-Direttiva dwar l-infurzar huwa li jitjiebu l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema.

---

[46] Oqsma oħra huma l-kummerċ bl-imnut, is-servizzi ta' negozju (manutenzjoni ta' uffiċċju, konsulenza dwar amministrazzjoni u r-riklamar pereżempju), it-turiżmu, is-servizzi dwar beni immobbli u l-edukazzjoni privata.

[47] L-Artikolu 17(6) jiddikjara li l-Artikolu 16 m'għandux japplika għall-"*kwistjonijiet koperti bit-Titolu II tad-Direttiva 2005/36/KE, kif ukoll ir-rekwiżiti fl-Istat Membru fejn jiġi provdut is-servizz li jirriserva attività għal professjoni partikolari*".

[48] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=471.

[49] Ara d-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija.

***Artikolu 4 - Identifikazzjoni ta' stazzjonament ġenwin u l-prevenzjoni tal-abbuż u l-evażjoni tar-regoli*[50]**

**1. Għall-fini tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi kollha fattwali li huma meqjusa neċessarji, inklużi, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-elementi huma maħsuba biex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti meta jwettqu verifiki u kontrolli u meta jkollhom raġuni biex jemmnu li ħaddiem jista' ma jikkwalifikax għal ħaddiem stazzjonat skont id-Direttiva 96/71/KE. Dawk l-elementi huma fatturi indikattivi fl-evalwazzjoni komplessiva li għandha ssir u għalhekk ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat.**

**2. Sabiex jiġi determinat jekk impriża twettaqx attivitajiet sostanzjali b'mod ġenwin, għajr attivitajiet biss ta' ġestjoni interni u/jew amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi kollha fattwali li jikkaratterizzaw dawk l-attivitajiet, filwaqt li jqisu skadenza ta' żmien aktar wiesa', imwettqa minn impriża fl-Istat Membru ta' stabbiliment u, fejn neċessarju, fl-Istat Membru ospitanti. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:**

a) il-post fejn l-impriża għandha l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni tagħha, tokkupa l-ispazju ta' uffiċċju, tħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u, fejn ikun applikabbli, skont il-liġi nazzjonali għandha l-liċenzja professjonali jew hija rreġistrata mal-kamra tal-kummerċ jew entitajiet professjonali,

b) il-post fejn jiġu reklutati l-ħaddiema stazzjonati u li minnu jiġu stazzjonati,

c) il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-impriża mal-ħaddiema tagħha, minn naħa, u mal-klijenti tagħha, min-naħa l-oħra,

d) il-post fejn l-impriża twettaq l-attività sostanzjali ta' negozju tagħha u fejn timpjega persunal amministrattiv,

e) l-għadd ta' kuntratti mwettqa u/jew id-daqs ta' fatturat imwettaq fl-Istat Membru ta' stabbiliment, filwaqt li tiġi meqjusa s-sitwazzjoni speċifika ta' impriżi, fosthom, impriżi li għadhom kif ġew stabbiliti u SMEs.

**3. Sabiex issir evalwazzjoni ta' jekk ħaddiem stazzjonat temporanjament iwettaqx ix-xogħol tiegħu/tagħha fi Stat Membru li mhuwiex dak li fih normalment jaħdem/taħdem, l-elementi kollha fattwali li jikkaratterizzaw dan ix-xogħol u s-sitwazzjoni tal-ħaddiem għandhom jiġu eżaminati. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:**

a) ix-xogħol li jitwettaq għal perijodu limitat ta' żmien fi Stat Membru ieħor;

b) id-data li fiha jibda l-istazzjonament;

c) l-istazzjonament iseħħ fi Stat Membru ieħor li mhux dak li fih jew li minnu l-ħaddiem stazzjonat normalment iwettaq ħidmietu skont ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 u/jew il-Konvenzjoni ta' Ruma;

d) il-ħaddiem stazzjonat imurx lura jew hux mistenni li jerġa' jibda jaħdem fl-Istat Membru mnejn ikun ġie stazzjonat wara tmiem ix-xogħol jew il-prestazzjoni ta' servizzi li minħabba fihom huwa kien stazzjonat;

e) in-natura tal-attivitajiet;

f) il-vjaġġ, l-ikel u l-alloġġ jew l-akkomodazzjoni humiex pprovduti jew hemmx rimborż għalihom minn min iħaddem u jistazzjona l-ħaddiem; u,jekk ikun il-każ, kif dan hu provdut u l-metodu ta' rimborż;

g) kwalunkwe perijodu preċedenti li fih kien imtela l-post mill-istess ħaddiem jew minn ħaddiem ieħor (stazzjonat).

**4. In-nuqqas li jiġu ssodisfati wieħed jew aktar mill-elementi fattwali mniżżla fil-paragrafi 2 u 3 m'għandux jippreklu di b'mod awtomatiku sitwazzjoni milli tiġi karatterizzata bħala stazzjonament. Il-valutazzjoni ta' dawn l-elementi għandhom jiġu adottati għal kull każ speċifiku u għandhom jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni.**

**5. L-elementi li huma msemmija f'dan l-Artikolu użati mill-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni ġenerali ta' sitwazzjoni bħala stazzjonament ġenwin jistgħu wkoll jitqiesu sabiex jiddeterminaw jekk persuna taqax taħt id-definizzjoni applikabbli ta' ħaddiema bi qbil mal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 96/71/KE. L-Istati Membri għandhom ikunu ggwidati fost l-oħrajn mill-fatti relatati mal-prestazzjoni tax-xogħol, is-subordinazzjoni u r-remunerazzjoni tal-ħaddiem, irrispettivament minn kif ir-**

---

50 Artikolu 4 tar-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew adottata fis-16 ta' April 2014 (P7_TA-PROV(2014)0415, test provviżorju).

**relazzjoni hi karatterizzata fi kwalunkwe arranġament, kemm jekk kuntrattwali jew jekk le, li jista' jkun maqbul bejn il-partijiet.**

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW DWAR ID-DIRETTIVI

Il-KESE ppubblika numru ta' opinjonijiet relatati mas-servizzi u l-istazzjonar tal-ħaddiema. Fl-Opinjoni tiegħu dwar id-dimensjoni soċjali u ambjentali tas-suq uniku[51], huwa tenna li "*l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol hija l-aħjar protezzjoni kontra l-esklużjoni soċjali.*" Ma' dan jista' jiżdied li filwaqt li b'definizzjoni, is-suq huwa internazzjonali, attwalment l-impjieg jibqa' nazzjonali fin-natura. B'mod loġiku, dan iqajjem il-kwistjoni ta' konsistenza u koerenza, jew in-nuqqas tagħhom, fi ħdan is-suq uniku: il-politiki tal-UE li jimmiraw l-integrazzjoni ser ikunu problematiċi (jew ifallu) jekk ikunu nieqsa minn bażi transkonfinali omoġenja. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi[52], il-KESE talab biex "*jissaħħu r-regoli li jirrigwardaw l-istazzjonament tal-ħaddiema, fost affarijiet oħra billi jiġu ċċarati u mtejba d-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema u billi tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri.*" Iddikjara wkoll li kien għad hemm bżonn ċar għal "*l-implimentazzjoni aħjar u l-kooperazzjoni amministrattiva effettiva bejn l-Istati Membri*" b'mod partikolari sabiex jiġu pprevenuti spejjeż amministrattivi bla bżonn. "*Sabiex jiġi promoss il-provvediment transnazzjonali tas-servizzi f'ambjent ta' kompetizzjoni ġusta, huwa importanti li jkun hemm kundizzjonijiet minimi ugwali tal-impjieg b'konformità mal-liġijiet nazzjonali u mal-ftehimiet kollettivi.*"

Il-KESE indirizza l-kwistjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fl-Opinjonijiet tiegħu dwar *Id-dimensjoni soċjali tas-suq intern*[53] u *L-Att dwar is-Suq Uniku — Tnax-il xprun*[54]. Huwa appella għal:

- kjarifika u titjib tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema;
- kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri;
- implimentazzjoni tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-rimunerazzjoni;
- konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali;
- nondiskriminazzjoni għall-kumpaniji fis-suq intern.

| OPINJONIJIET RILEVANTI TAL-KESE | | |
|---|---|---|
| **OPINJONIJIET TAL-KESE** | **REFERENZA** | **RELATURI** |
| *Id-Direttiva dwar is-servizzi* | CESE 137/2005, ĠU C 221, 8.9.2005, p. 113 (mhux disponibbli bil-Malti) | A. METZLER<br>E. EHNMARK |
| *Is-suq intern għas-servizzi – ħtiġijiet fir-rigward tas-suq tax-xogħol u l-ħarsien tal-konsumaturi* | CESE 793/2007, ĠU C 175, 27.7.2007, p. 14 | K. ALLEWELDT |
| *Id-dimensjoni soċjali u ambjentali tas-suq intern* | CESE 36/2009 ĠU C 182, 4.8.2009, p. 1 | A. ADAMCZYK |
| *Id-dimensjoni soċjali tas-suq intern* | CESE 970/2010 ĠU C 44, 11.2.2011, p. 90 | T. JANSON |
| *Is-Suq Uniku għas-servizzi* | CESE 1161/2011, ĠU C 318, 29.10.2011, p. 109 | M. SIECKER |
| *Il-kwalifiki professjonali* | CESE 1046/2012 ĠU C 191, 29.6.2012, p. 103 | A. METZLER |
| *L-impjieg ta' ħaddiema* | CESE 1387/2012, ĠU C 351, 15.11.2012, p. 61 | T. JANSON |

[51] CESE 36/2009, ĠU C 182, 4.8.2009, p. 1
[52] CESE 1387/2012, ĠU C 351, 15.11.2012, p. 61
[53] CESE 970/2010, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 90
[54] CESE 1583/2011, ĠU C 24, 28.1.2012, p. 99

| | | |
|---|---|---|
| *Tikketta Soċjali Ewropea* | CESE 1820/2012<br>ĠU C 76, 14.3.2013, p. 20 | A. RODERT |
| *L-abbuż mill-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha* | CESE 2063/2012<br>ĠU C 161, 6.6.2013, p. 14 | |
| *Tendenzi ġodda fil-qasam tax-xogħol indipendenti: il-każ speċifiku tax-xogħol indipendenti ekonomikament dipendenti* | CESE 639/2010,<br>ĠU C 18, 19.1.2011, p. 44 | J.M. ZUFIAUR NARVAIZA |
| *Il-kompetittività sostenibbli fis-settur tal-kostruzzjoni* | CESE 2295/2012,<br>ĠU C 198, 10.7.2013, p. 45 | L. PLOSCEANU |

| **OPINJONIJIET RELATATI TAL-KESE** | | |
|---|---|---|
| *L-Att dwar is-Suq Uniku - L-identifikazzjoni ta' miżuri neqsin* | CESE 3154/2013<br>ĠU C 67, 6.3.2014, p. 53 | B. FEDERSPIEL, I. VOLEŠ U M. SIECKER |
| *Att dwar is-Suq Uniku II - Flimkien għal tkabbir ġdid* | CESE 2039/2012,<br>ĠU C 76, 14.3.2013, p. 24 | M. SIECKER, I. VOLEŠ U B. FEDERSPIEL |
| *L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja* | CESE 1583/2011,<br>ĠU C 24, 28.1.2012, p. 99 | I. VOLEŠ, B. FEDERSPIEL U M. SIECKER |
| *Azzjonijiet ewlenin għal Att dwar is-Suq Uniku II* | CESE 1575/2012,<br>ĠU C 299, 4.10.2012, p. 165 | I. VOLEŠ, B. FEDERSPIEL U M. SIECKER |
| *Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija tas-suq kompetittiva ħafna* | CESE 525/2011<br>ĠU C 132, 3.5.2011, p. 47 | I. VOLEŠ, B. FEDERSPIEL U. SIECKER |
| *Negozju Żgħir, Dinja Kbira — sħubija ġdida li tgħin lill-SMEs jaħtfu l-opportunitajiet globali* | CESE 1293/2012<br>ĠU C 229, 31.7.2012, p. 49 | I. VOLEŠ |
| *Lejn politika tas-suq intern umana u orjentata lejn iċ-ċittadin* | CESE 466/2012,<br>ĠU C 143, 22.5.2012, p. 17 | J. PEGADO LIZ |

_____________